**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Ian Joseph Abdilla)**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs.**

**Joseph Baldacchino**
**Farah Kirpalani**
**Philip Micallef**

Numru 809/2005

Illum 24 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Joseph Baldacchino**, ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben Saviour u Marthese neé Busuttil, imwieled Senglea fis-7 ta' Dicembru 1952, li joqghod f'Numru 5, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 2153(M),

**Farah Kirpalani**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bint Bhagwani u Therese neé Ellul, imwielda Rahal Gdid fid-29 ta' Dicembru 1978, li

toqghod 'Sonserrea', Numru 5, Triq il-Fekruna, Xemxija, u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 129979(M),

U

**Philip Micallef**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Joseph u Rita neé Cauchi, imwieled Canada fis-17 ta' April 1972, u li joqghod 'Angleman Flats', Flat 1, Triq Massabielle, San Gwann, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 403888(M)

akkuzati talli nhar is-16 ta' Marzu 2004, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm30,000.00[1] ghad-dannu ta' Damian Borg detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 196479(M) (dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data u lok, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioé dokument ta' registrazzjoni ta' vettura bin-numru HHH 500 (dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. fl-istess data u lok, xjentement ghamlu uzu minn tali cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra hekk kif fuq imsemmija (dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

[1] Ekwivalenti ghal €69,881.20.

4. fl-istess data u lok, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioé dokument ta' registrazzjoni ta' vettura bin-numru HHH 500, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw (dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data u lok, xjentement ghamlu uzu mill-istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, att jew kitba, jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija (dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz (dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati li jirrestitwixxu lill-parti offiza u cioé Damian Borg, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 196479(M), kull haga minnhom misruqa jew li huma jkunu xjentement laqghu ghandhom b'ricettazzjoni jew akkwistaw bi frodi jew bi qligh iehor kontra l-Ligi, bi hsara ta' dik il-parti jew permezz tar-reat li dwaru tkun inghatat is-sentenza sospiza, jew li jhallsu lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offizi jew hsara ohra kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat (dan bi ksur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'

esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 308) datata 15 ta' Settembru 2008 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikoli 18 u 167 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-Artikoli 18 u 169 tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-Artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali,
(e) fl-Artikoli 18 u 184 tal-Kodici Kriminali,
(f) fl-Artikoli 188, 28H, 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2010 (*a fol.* 324), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 308), f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 405 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduti tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 412 *et seq.*), tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 414 *et seq.*), u tal-15 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 421 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ghan-nom tat-tlitt imputati ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 434 *et seq.*), u dana apparti dak li kien diga gie sottomess quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, li l-Qorti kif preseduta hadet konjizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2006, xehed l-i**Spettur Kevin Borg** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn spjega li l-Pulizija rceview kwerela ffirmata minn Dr. Kenneth Grima ghan-nom ta' Damian Borg u Tony Borg. Spjega fiex kienet tikkonsisti l-kwerela u ezebixxa din il-kwerela li giet immarkata bhala Dok. "KB" (*a fol.* 60 *et seq.*). Spjega fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti minnu fejn qal li Damian Borg kien wrieh *logbook* originali fejn assigurah li dan qatt ma kien nehhieh minn idejh u qatt ma kien ta l-kunsens tieghu sabiex isir it-trasferiment tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500. Jghid li Borg assigurah li l-firma li tidher fuq il-*logbook* hija l-firma originali tieghu. Spjega li Gilbert Agius (*Manager* tal-ADT) tah il-*history* tal-vettura msemmija minn fejn irrizulta li l-vettura kienet giet trasferita minn Damian Borg lill-imputata Kirpalani u x-xhud tal-firma fuq id-dokument kien l-imputat Baldacchino. Spjega li huwa nnota li l-firma ta' Damian Borg fuq dan id-dokument kienet kompletament differenti mill-firma li Damian Borg wrieh fuq il-*logbook*. Ezebixxa bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) il-*logbook* allegatament falz fejn hemm il-firma allegatament falza ta' Damian Borg. Spjega li minn Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) il-kelma teknika hija *"Date issued"* fis-16 ta' Marzu 2004 minn certu Felix Decelis pero jghid li fuq wara ta' dan il-dokument jidher li t-trasferiment tal-vettura ma sarx fis-16 ta' Marzu 2004 pero sar fis-17 ta' Marzu 2004. Spjega li baghat ghall-imputat Baldacchino u ghall-imputata Kirpalani u jghid x'qalulu. Ezebixxa s-segwenti: stqarrija rilaxxata mill-imputata Kirpalani (Dok. "KB 2" – *a fol.* 63), firem *specimen* li tal-istess Kirpalani (Dok. "KB 3" – *a fol.* 64), u stqarrija tal-imputat Baldacchino (Dok. "KB 4" – *a fol.* 65). Spjega li ftit taz-zmien wara baghat ghal Felix Decelis biex jirrilaxxa stqarrija. Jghid: *"Minn dawn id-dokumenti li wrieni, jidher car li dak inhar kien sar trasferiment ta' vettura BBN 402 li din kienet daret minn Philip Micallef ghan-nom ta' Joseph Baldacchino. Fl-istess cash reconciliation report, xi zewg minuti wara, fejn kienet tidher tranzazzjoni tal-vettura BBN 402,*

*kienet tidher transazzjoni ohra, HHH 500"* (*a fol.* 56). Jghid li t-tieni tranzazzjoni kienet it-*transfer* li ghamel Felix Decelis lil Joseph Baldacchino. Jghid: *"Kif titlob il-procedura, suppost Felix dak inhar ghamel affidavit lil Philip Micallef izda peress li Felix kien jafdah, kif rrepeta kemm-il darba mieghi, lil Philip Micallef dan l-affidavit qatt ma ghamilulu. Felix qalli li jiftakar li fuq talba ta' Philip Micallef nhar is-16 ta' Marzu 2004 kien hareg id-dokument tat-trasferiment li jiena ghadni kemm ezebejt, jigifieri C620716, id-dokument li hemm l-allegazzjoni tal-firma u li kien tah lil Philip Micallef bil-patt u l-kundizzjoni li l-ghada Philip Micallef igibulu ffirmat u lest kemm mix-xerrej, kemm mill-bejjiegh u mix-xhud tal-firma. L-ghada 17 ta' Marzu kompla jghidli Felix, Philip Micallef kien hadlu l-logbook bil-firem kif jidher fuq wara, kif jidhru fuq id-dokumenti esebiti. Hawnhekk Felix qalli wkoll li kien iffirmah u b'hekk sehh it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni"* (*a fol.* 57). Ezebixxa zewg *reconciliation reports* li gew immarkati bhala Dok. "KB 5" (*a fol.* 66 *et seq.* ). Jghid li ha stqarrija tal-imputat Micallef u li Micallef tah zewg dokumenti li juru li kien hu li ha hsieb l-assigurazzjoni u t-trasferiment tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500. Ezebixxa l-istqarrija tal-imputat Micallef (Dok. "KB 6" – *a fol.* 69) u d-dokumenti li tah (Dok. "KB 7" – *a fol.* 70 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2006, xehed ukoll **Damian Borg** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn spjega li missieru Anthony Borg u hu (li huma *dealers*) kienu xtraw il-vettura Mercedes SL 500 bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500 minn ghand Charlie Sammut ta' 'Charlie Auto Dealer' sabiex din il-vettura terga' tinbiegh. Jghid li l-vettura kienet fuq ismu u giet mixtrija s-Sibt u t-Tnejn mar l-imputat Baldacchino li wara li ppruvaha, sar ftehim bejn missieru (Anthony Borg) u l-imputat Baldacchino (ghal-liema ftehim kien hemm hu (Damian Borg) prezenti). Jghid li huma hadu zewg vetturi: Rover u Mazda 121 Bubble u zieda ta' Lm35,000. Jghid li l-ftehim kien wiehed verbali peress li lil Baldacchino kienu diga bieghulu diversi vetturi. Jghid: *"Imbaghad ahna lestejna l-karti u hekk u dejjem gej jiffirma l-kambjali u hekk u mbaghad it-transfer, dejjem malli jiffirma l-kambjali konna ser naghmlulu t-transfer ahna bir-Regulation 25 peress li kienet bid-dejn il-karozza, u qatt ma gie jiffirmahom il-kambjali, hadna l-karrozzi nsomma, ir-Rover u l-Mazda u mbaghad kien halla envelope b'cekk go fih, qalli tih lil missierek tal-Mercedes u kien cekk ta' Lm1000"* (*a fol.* 77). Jghid li c-cekk gie moghti wara xahar u nofs. Spjega li wara

ftit l-imputat Baldacchino qallu li l-vettura Mercedes kienet sfat milquta u li Baldacchino qal lill-missieru sabiex jistaportih ftit sakemm jirrangaha pero Baldacchino qatt ma resaq aktar ghall-pagamenti jew biex jiffirma l-kambjali. Jghid li ghad fadal bilanc ta' Lm34,000 x'jithallas peress lic-cekk ta' Lm1,000 gie msarraf. Spjega li aktar tard skoprew li l-vettura in kwistjoni kienet l-iMgarr fejn sabuha bil-licenzja mhallsa mal-*windscreen*. Jixhed: *"Imbaghad malli rajnieha bil-licenzja mhallsa, ahna ghandna l-logbook ghadu ghandna"* (*a fol.* 79). Ezebixxa dan il-*logbook* li gie mmarkat bhala Dok. "DB" (*a fol.* 88). Spjega li hekk kif dakinhar raw lill-imputat Baldacchino, dan qalilhom li l-vettura kienet tieghu. Jghid li ccekkjaw ma' tal-licenzji u skoprew li l-vettura ma kienitx ghadha fuq isimhom u li kien sar it-trasferiment tal-vettura meta l-*logbook* kien ghadu ghandhom (ghand Borg). Jispjega li marru ghand il-Pulizija u nfurmawhom b'dan kollu. Jispjega wkoll li qatt ma ghamel affidavit fuq il-*logbook* tal-vettura u li dan il-*logbook* m'huwiex mitluf. Jichad li hu qatt iffirma il-*logbook*. Meta gie muri Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) qal li l-firma li hemm mhijiex tieghu. Jghid li l-ewwel darba li ra dan il-*logbook* kien ghand l-iSpettur. Mistoqsi jghid kemm tiswa l-vettura in kwistjoni, tenut kont tal-fatt li kienet *second-hand*, jghid li ma jafx kemm tiswa gdida l-vettura. Jghid li skond hu l-vettura Mercedes li ilha aktar minn ghaxar snin, tiswa aktar minn Lm35,000. Jixhed li l-ammont ta' Lm35,000 jirrizulta minn ftehim verbali.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li qatt ma ltaqa' mal-imputata Kirpalani u li qatt ma kelliemha.

**Damian Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2007 (*a fol.* 213 *et seq.*) fejn ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "DB 1" (*a fol.* 217) liema dokument huwa datat 15 ta' Mejju 2001 u fuqu jaghraf l-firma tieghu. Jispjega li dan id-dokument juri diversi dettalji dwar il-vettura in kwistjoni u li l-vettura giet mibjugha lil Joseph Baldacchino minn 'Valley Auto Dealer'. Jghid li fid-dokument hemm ukoll indikat li fis-26 ta' Mejju 2001 kienet giet ricevuta s-somma ta' Lm1000. Ikkonferma li l-firma ta' Baldacchino ma tirrizultax minn dan id-dokument.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2006, xehed ukoll **Anthony Borg** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom ibnu Damian Borg u, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser jigi riprodott hawn dak li nghad minn Anthony Borg li huwa fuq l-istess linji li xehed fuqhom Damian Borg. Jghid li l-vettura in kwistjoni kienet tas-sena 1992. Ikkonferma li l-vettura nbieghet bil-fomm ghal Rover, Mazda 121 u zieda ta' Lm35,000. Jghid li l-hlas ta' Lm35,000 kellu jsir permezz ta' pagament ta' Lm1,000 fix-xahar – jew b'cekk jew *cash* u minghajr interessi. Jghid li xi sena u nofs wara ra l-vettura in kwistjoni barra hdejn l-iSmash. Jispjega li kien minn ghalih li l-licenzja kienet ghadha fuq isimhom u malli ra l-licenzja mhallsa fuq il-*windscreen* qal li dik kienet falza. Jghid li eventwalment l-imputat Baldacchino mar bil-vettura l-Mgarr u meta l-imputat Baldacchino rah, Baldacchino qallu li kien dawwar il-vettura minn fuq sidha. Jghid li l-vettura thalliet hemm u hu (Anthony Borg) wassal lil Baldacchino x-Xemxija u sadanittant cempel lil ibnu Damian u lil Joseph Aquilina li qieghed shab mieghu (ma' Anthony Borg) fil-Mercedes. Jghid li meta wasal lura l-Mgarr sab zewg surgenti tal-Pulizija li qalulu biex ma jmissx il-vettura Mercedes. Jghid li meta ccekkja fuq min kienet il-vettura in kwistjoni rrizulta li kienet fuq certu Farah peress li rrizulta li kien sar trasferiment taghha u dana minkejja li meta gie muri Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) qal li hu qatt ma ta l-kunsens tieghu biex sar dan it-trasferiment. Jghid li meta jaghmlu trasferiment jaghmlu timbru ta' 'Valley Auto Dealer' peress li huma jkunu xhud tal-firma. Meta gie muri Dok. "DB" (*a fol.* 88) jghid li dan huwa l-originali u jghid li kien ghandu. Jghid li qatt ma ghamel affidavit li l-*logbook* tal-vettura gie mitluf.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid kemm kienet tiswa vettura bhal dik il-Mercedes ta' dak l-annu, wiegeb li dak iz-zmien il-*market value* ta' wahda *second-hand* kien fuq Lm40,000. Jghid li, sa fejn jaf hu, wahda gdida kienet tiswa madwar Lm56,000 jew Lm58,000. Jghid li l-vettura li ta lill-imputat Baldacchino kienet f'kundizzjoni perfetta. Jghid li lill-imputata Kirpalani qatt ma kelliemha fuq il-vettura.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2006, xehed ukoll **Joseph Aquilina** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn spjega li huwa u huh Victor ghandhom 50% tal-vettura Mercedes in kwistjoni. Spjega kif Anthony Borg kien infurmah li l-Mercedes kienet inbieghet lill-imputat Baldacchino permezz ta' tpartit ta' zewg vetturi u Lm35,000 zieda maghhom li kienu ser jigu mhallsin permezz ta' Lm1000 fix-xahar. Spjega li Baldacchino ma hallasx u anqas iffirma l-kambjali. Jghid li ltaqa' mal-imputat Baldacchino fejn dan qallu li ma kienx ser ihallas peress li qallu li xi zmien qabel kien xtara Mercedes ohra minn ghand Anthony Borg u din gralha hsara fil-*gearbox*. Qal li l-imputat Baldacchino qallu li ma riedx jiltaqa' ma' Anthony Borg u anqas kien ser ihallas tal-Mercedes. Spjega kif Anthony Borg kien cempillu u qallu li l-Mercedes kienet l-iMgarr u meta huwa (Joseph Aquilina) mar sab lil Damian Borg. Jghid li Damian Borg qallu li l-vettura kellha l-licenzja mhallsa u ma kienx jaf kif ghax il-*logbook* kien jinsab ghandu. Jghid li ftit wara mar Anthony Borg u wara ftit mar l-imputat Baldacchino flimkien ma' zewg Pulizija. Spjega x'irrizulta l-ghada meta Damian mar jiccekkja mad-Dipartiment tal-Licenzji.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li qatt ma kellem lill-imputata Kirpalani.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2006, xehed ukoll **Christopher Darmanin** (in rappresentanza tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet – *a fol.* 110 *et seq.*) fejn spjega li fir-rigward ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500 din hija Mercedes Benz 500SL li ilha mis-17 ta' Marzu 2004 tghajjat lill-imputata Kirpalani. Jghid li l-licenzja ilha li skadiet mill-ahhar ta' Awwissu 2005. Jixhed li mit-13 ta' Novembru 2002 sas-17 ta' Marzu 2004 s-sid tal-vettura kien 'Valley Auto Dealer' li huwa rapprezentat minn Damian Borg. Jikkonferma li ghad-dipartiment sar trasferiment fis-17 ta' Marzu 2004 u spjega li t-trasferiment sar mill-iskrivan Felix Decelis. Jghid li fil-*file* ikollhom l-firem ta' min qed ibiegh u qed jixtri u kif ukoll firma tax-xhud. Jghid: *"Il-procedura li mat-trasferiment jitolbu l-kopji ta' l-ID Cards ta' min qed ibiegh u min qed jixtri. Meta jkun qed ibiegh jew jixtri dealer, ma nitolbuhx peress li dealer huwa persuna li tbiegh il-vetturi, ghandna file fejn jinzammu photocopy tad-dealers u ma nitolbux kull darba ma kull transfer photocopy ta' l-ID card"* (*a fol.* 113). Jghid li

kienet intalbet fotokopja tal-Karta tal-Identita' ta' Farah Kirpalani, li tinsab fil-*file*. Spjega li f'dan il-kaz ix-xhud tal-firma kien Joe Baldacchino (ID Nru. 2153(M)). Jghid li la darba jkun hemm xhud tal-firma, il-firem tal-bejjiegh u x-xerrej isiru quddiem ix-xhud tal-firma u mhux quddiem Decelis. Meta ra Dok. "DB" (*a fol.* 88) qal li dan huwa *logbook* validu. Spjega li dan huwa l-*logbook* li nghata meta sar it-trasferiment minn fuq terzi persuni ghal fuq Damian Borg ghan-nom ta' 'Valley Auto Dealer'. Meta ra Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) jghid li z-zewg *logbooks* ghandhom numri differenti. Jghid li meta jkun hemm *logbook* iehor, biex jinhareg *logbook* wara dak li jkun nghata lill-persuna meta ghamlet it-trasferiment irid ikun hemm dikjarazzjoni *ossia* affidavit li ntilef il-*logbook*. Jghid l-*affidavit* irid jaghmlu sid il-vettura. Jghid li l-ewwel *logbook* huwa dak li nghata lil Damian Borg meta sar it-trasferiment u li fil-*file* tieghu ma sab l-ebda *affidavit* u mistoqsi jghid jekk jistghax ikun xi imkien iehor, wiegeb fin-negattiv. Jghid li biex isir *logbook* gdid irid isir affidavit minn sid il-vettura bil-Karta tal-Identita. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "CD" (*a fol.* 123).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk, in segwitu ta' dak li qal, jikkonfermax li ma kienx hemm htiega li Farah Kirpalani tkun prezenti l-ADT, wiegeb li ma kienx hemm bzonn. Jghid: *"Ahna jigi min qed jixtri u min qed biegh, jekk xhud tal-firma ma sabux u l-iskrivan li qed jaqdiehom ser ikun xhud tal-firma, ovjament jridu jkunu prezenti hemmhekk"* (*a fol.* 121).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2006, xehed **Felix Decelis** (*a fol.* 131 *et seq.*) fejn spjega li huwa skrivan mal-ADT u li fil-perjodu ta' Gunju 2005 kien stazzjonat fid-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet. Jghid li kien jaghmel trasferiment ta' vetturi, *scrapping* u *garaging*. Meta gie muri Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) jghid li dan kien hargu hu u kien tah lill-imputat Philip Micallef, li huwa agent tal-assigurazzjoni u jghid li kien habib antik tieghu. Qal li ried affidavit biex ikun jista' johroglu dan id-dokument. Jghid: *"Issa peress li kien jaqdi hafna dealers u kont nafdah b'ghajnejja maghluqa, jiena tajtu l-affidavit, ghidtlu gibuli ffirmat, dak inhar ccansjajt, l-unika darba li qatt li ghamiltha, qatt ma ergajt ghamiltha"* (*a fol.* 132-133). Jghid li Micallef qallu li kien ser igiblu l-affidavit iffirmat minn Damian

Borg. Jghid li dan kien tah lil Philip Micallef u jghid: *"Ma gabuli qatt. Kont ghamilt zmien twil nghidlu biex igibuli u baqa' qatt ma gabuli"* (*a fol.* 133). Mistoqsi jikkonfermax li dan l-affidavit qatt ma mar ghand l-ADT, wiegeb: *"Sa fejn naf jien iva qatt ma gie"* (*a fol.* 133). Ghad-domanda: *"Mela inti qed tghid li gie s-Sur Micallef u qallek isma, qallek Damian Borg tilef il-logbook u tajtu l-affidavit. X'gara iktar?"* (*a fol.* 134), wiegeb: *"Ezatt. Hrigtlu l-logbook u l-ghada niftakar kien gie u ghamel it-transfer ghal fuq Joe Baldacchino"* (*a fol.* 134). Jghid li t-trasferiment hadulu ffirmat u li hu (Decelis) ra l-firem u li hadd ma ffirma quddiemu. Jghid li hu ghamel it-trasferimet wara li ra l-assigurazzjoni f'isem Maria Kirpalani u ra l-firem u l-Karti tal-Identita' huma cari. Mistoqsi jghid ta' min ra Karti tal-Identita' jghid li hu zgur li ta' Damian Borg ma kienx hadielu u li mill-ohrajn mhux cert. Jghid li zewg Karti tal-Identita' kellu bzonn: *"Tal-bejjiegh u tax-xerrej. Tax-xhud ma kienx hemm bzonn dak iz-zmien"* (*a fol.* 135). Jghid li Baldacchino kien jidher bhala xhud tal-firem ta' Kirpalani u Damian Borg. Jghid li l-ewwel darba fada lil Micallef bl-affidavit u t-tieni darba fdah ukoll peress li kellu jehodlu l-Karta tal-Identita'. Jghid li ghamel xi gimghatejn jghidlu kuljum u kien kollu ta' xejn. Jghid li huwa iccekkja il-*cash reconciliation* tal-ADT fejn qal li fil-11.58 saret tranzazzjoni li tirrigwarda vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500 u fil-11.56 saret tranzazzjoni li tirrigwarda vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBN 402. Jghid li fir-rigward ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBN 402 kien mar Philip Micallef biha u kien sar trasferiment minn fuq certu George Fenech ghal fuq isem Joseph Baldacchino imma f'isem 'Smash Communications'. Jghid li kien hemm l-assigurazzjoni f'isem Joe Baldacchino bhala individwu. Jixhed li lil Micallef qallu biex jemendha u fuq l-assigurazzjoni jaghmilha '*on behalf of Smash Communications*' u fil-fatt kien iffirma u ttimbra. Jghid li Micallef kien qaghad xhud tal-firem f'dan il-kaz u hu (Decelis) approva t-trasferiment. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "FD" (*a fol.* 146 *et seq.*) fejn l-imputat Micallef kien irranga l-isem tal-assigurazzjoni f'isem 'Smash Communications Ltd.' fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBN 402. Jghid li fuqha hemm firma ta' Baldacchino. Ghad-domanda: *"U dak tahulek is-Sur Micallef zewg minuti wara li ghidtlu li kellek bzonn il-firma ta' Baldacchino?"* (*a fol.* 142), wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid jekk Damian Borg

qattx ikkomunika mieghu fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500, wiegeb fin-negattiv. Jghid li lil Baldacchino qatt ma ralu wiccu u lil Kirpalani jafha biss mit-televizjoni.

**Felix Decelis** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 388 *et seq.*) fejn <u>in kontro-ezami</u> jghid li f'kaz ta' *logbook* mitlub dan jigi rrekordjat awtomatikament. Jghid: *"Ma jkunx hemm charge no jekk tohrog logbook gdid"* (*a fol.* 389). Jghid: *"Dak iz-zmien meta kont qieghed hemmhekk jiena ma kienx hemm hlas ta' logbook gdid, kien johrog bhala zero (0) fuq il-logbook johrog zero (0)"* (*a fol.* 390). Ikkonferma li lil Philip Micallef kien ghaddielu dikjarazzjoni jew affidavit. Jghid li dan ma kienx ikun bil-gurament.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006, xehed **Ray West** (Direttur tal-Licenzji – *a fol.* 161 *et seq.*) fejn ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "RW" (*a fol.* 167). Spjega fiex jikkonsistu dawn id-dokumenti fejn qal li hemm dokument li giet depozitata l-assigurazzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBN 402 u kif ukoll *ownership of contact details* ta' dak iz-zmien. Jghid li dak iz-zmien kienet registrata fuq Anthony Fenech u d-data tar-registrazzjoni hija 30 ta' Marzu 2000. Jghid li fis-16 ta' Marzu 2004 sar it-trasferiment fuq il-kumpanija 'Smash Communications Limited'. Jghid li t-tranzazzjoni saret min Felix Decelis. Jghid li fis-16 ta' Marzu 2004 giet trasferita vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500 fuq Maria Farah Kirpalani. Jghid li anke f'dan il-kaz, kien Felix Decelis li ghamel it-tranzazzjoni. Mistoqsi jghid xi jrid isir f'kaz li jintilef *logbook*, wiegeb li jrid isir affidavit u wara li jsir dan jinhareg *logbook* gdid lis-sid sakemm il-persuna li f'ismu hija l-vettura ma jaghtix awtorita' b'kitba li qed jawtorizza lil xi hadd biex jigbor il-*logbook* tal-vettura f'ismu. Jghid li f'Dok. "RW" (*a fol.* 167) m'hemm l-ebda affidavit.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hu qatt ma kellu kuntatt ma' Kirpalani pero semmieha ghax tirrizulta mid-dokumentazzjoni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006, xehed ukoll **Joseph Zammit** (*a fol.* 168 *et seq.*) fejn spjega li meta ezamina l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500, li kienet fil-garaxx tal-imputat

Baldacchino, irrizulta li din il-vettura kienet tinsab fi stat li ma tintuzax u dana ghar-raguni li kienet ilha hafna wieqfa. Jghid li sabha f'kundizzjoni traskurata u mahmuga pero jghid li sabha f'kundizzjoni intatta, minghajr l-ebda hsara fuq il-*body* taghha. Jghid li ghamel valur tal-vettura fil-kundizzjoni li sabha, liema valur huwa ta' Lm18,000 u li f'kaz li kellha tigi kkurata ghal kundizzjoni sewwa minn gewwa u minn barra, il-vettura ggib valur ta' Lm22,000. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JZ" (*a fol.* 170 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006, xehed ukoll **Joseph Gaffiero** (*a fol.* 176 *et seq.*) fejn spjega li wettaq l-inkarigu moghti lilu fir-rigward tat-tlitt firem li jidhru fuq il-*logbook* li gie pprezentat lilu. Jghid li x-xerrejja kienet Maria Kirpalani u x-xhud kien Joseph Baldacchino. Jghid li minn dawn it-tnejn ma kellu ebda dubju li l-firem taghhom kienu genwini. Jghid: *"Biss il-firma ta' Damian Borg mhix tieghu. Insostni li hija falza u b'certu certezza qed nghidha din. Il-firma li hemm tal-logbook ta' Damian Borg hija falza"* (*a fol.* 177). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JG" (*a fol.* 178 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006, xehed ukoll **Joseph Curmi** (*a fol.* 188 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Sales Manager* ma' 'Kind's'. Spjega li n-numru tax-*chassis* WDB1290662F026897 hija tal-vettura Mercedes 500SL. Jghid li din kienet inbieghet l-Ingilterra f'Jannar 1991. Jghid li m'ghandhomx data ta' meta giet Malta peress li ma kienitx mibjugha lilhom u li probabilment kienet importata minn xi hadd personali. Jghid li fis-sena 1991 f'Malta din il-vettura kienet tinbiegh Lm40,000. Jispjega li jiddependi f'liema sena giet Malta peress li l-prezzjijiet dejjem gholew minhabba l-kambju u minhabba flus. Mistoqsi jghid kemm tinbiegh vettura gdida bhal dik fis-sena 2000 jew 2001, jghid li, skond ir-*records* taghhom, kienet xi Lm71,000 u li dakinhar li xehed (cioé f'Dicembru 2006) kienet tiswa Lm100,000. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JC" (*a fol.* 192).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2007, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 198 *et seq.*) rigward xi diffikultajiet li kien qed jiltaqa' maghhom waqt l-

ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MB 2" (*a fol.* 202 *et seq.*).

**Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2007 (*a fol.* 251 *et seq.*) fejn ezebixxa r-relazzjoni li hejja hu liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 253 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2007, xehed **Jesmond Mizzi** (*a fol.* 226 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa *Project Manager* mal-MITTS. Jixhed li d-Direttur tal-Licenzji Ray West kien talabhom informazzjoni fuq l-operat ta' persuna partikolari fuq is-sistema tal-kompjuters u huma ghaddewlu r-rapport li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JM" (*a fol.* 230 *et seq.*). Jixhed li sussegwentement kien cempillu d-direttur u rapprezentant iehor tal-ADT u kien talbu informazzjoni fuq tranzazzjonijiet partikolari fejn gie moghti l-ismijiet tal-vetturi u huma kienu ghaddew l-informazzjoni li tirrizulta minn dokument li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 236). Jghid li minn Dok. "JM 1" (*a fol.* 236) jirrizulta li fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBN 402 hemm zewg tranzazzjonijiet: wahda li saret fis-16 ta' Marzu 2004 fil-11.56am u ohra li saret l-ghada fil-12.05pm. Fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500 jghid li hemm zewg tranzazzjonijiet: wahda li saret fis-16 ta' Marzu 2004 fil-11.58am u ohra li saret l-ghada fil-12.20pm.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2014, xehed **Brian Farrugia** (rapprezentant tal-ADT – *a fol.* 380 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi dwar *file* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHH 500 spjega li d-dokument originali gie mehud mill-Pulizija fit-23 ta' Marzu 2005 tant li fil-*file* taghhom ghandhom biss kopja.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-

imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-*parte civile* Damian Borg spjega li kien hemm ftehim verbali li l-imputat Baldacchino jiehu l-vettura Mercedes SL 500 u huwa (Damian Borg) u missieru Anthony Borg ghan-nom ta' 'Valley Auto Dealer' jiehdu vettura Rover, vettura Mazda 121 Bubble u hlas ta' Lm35,000. Anthony Borg, missier Damian Borg, ikkonferma dan kollu. Gie spjegat li l-imputat Baldacchino hallas biss is-somma ta' Lm1,000 mis-somma ta' Lm35,000.

Irrizulta li l-vettura Mercedes daret ghal fuq isem l-imputata Kirpalani ghall-insaputa ta' Damian Borg u missieru Anthony Borg. *Di fatti*, Damian Borg ezebixxa l-*logbook* originali tal-vettura in kwistjoni (Dok. "DB" – *a fol.* 88) liema *logbook* qatt ma gie mitluf. Damian Borg isostni li huwa qatt ma ffirma fuq il-*logbook* tal-vettura in kwistjoni u dana minkejja li sar it-trasferiment tal-vettura ghal fuq l-imputata Kirpalani. Fuq il-*logbook* (Dok. "KB 1" – *a fol.* 183) hemm il-firma, fost l-ohrajn, tal-imputat Baldacchino.

Illi Felix Decelis, l-iskrivan tal-ADT, ammetta li huwa kien hareg il-*logbook* immarkat bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) lill-imputat Philip Micallef li jiddeskrivih bhala agent tal-assigurazzjoni u habib antik tieghu. Decelis ammetta wkoll li kellu bzonn affidavit biex jinhareg dan id-dokument pero Decelis qal li lil Micallef kien jafdah b'ghajnejh maghluqa u jghid li Micallef qallu li kien ser igiblu affidavit iffirmat minn Damian Borg pero dan qatt ma wasal lura ghand Decelis.

Illi fir-rapport (Dok. "JG" – *a fol.* 178 *et seq.*) redatt minn Joseph Gaffiero, Gaffiero jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet fir-rigward tal-formola tat-trasferiment, cioé Dok. "KB 1" (*a fol.* 183):

- Il-firma li taqra bhala "D. Borg" fejn il-kaxxa "Bejjiegh/a" u fejn hemm indikat il-Karta tal-Identita' ta' Damian Borg m'ghandha x'taqsam assolutament xejn mal-firma vera ta' Damian Borg.

- Il-firma fejn il-kaxxa "Xerrej/ja" fejn hemm miktub il-Karta tal-Identita' tal-imputata Kirpalani hija effettivament dik tal-imputata Kirpalani.

- Il-firma fejn il-kaxxa "Xhud tal-Firem" fejn hemm miktub l-isem "Joe Baldacchino u fejn hemm ukoll miktub il-Karta tal-Identita' tal-imputat Baldacchino hija effettivament dik tal-imputat Baldacchino.

Illi l-Pulizija akkuzat lill-imputati b'diversi imputazzjonijiet, fosthom dawk ta' frodi b'eghmil qarrieqi, qligh b'qerq, falsifikazzjoni ta' dokumenti, talli xjentenement ghamlu uzu minnhom u talli xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza.

Illi qabel il-Qorti tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti kif preseduta tinnota li minkejja li hi ma semghet l-ebda xhud jixhed f'dawn il-proceduri u dana *stante* li din il-kawza kienet qed tinstema' minn Gudikant iehor qabel giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta, il-Qorti temmen il-verzjoni ta' Damian Borg u ta' missieru Anthony Borg *stante* li jirrizulta bl-aktar mod car li l-firma li suppost hija ta' Damian Borg fuq Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) mhijiex tieghu. Il-Qorti ma ghandhiex raguni ghalfejn tiddubita mill-verzjoni moghtija minn Damian Borg u minn missieru Anthony Borg meta jghidu li ma kien inghata ebda permess biex isir it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni fuq xi hadd iehor. Fir-rigward tal-verzjoni moghtija minn Decelis u ta' kif inhareg il-*logbook* il-gdid lil Micallef, il-Qorti tinnota li ghandha r-rizervi taghha rigward id-depozizzjoni ta' Decelis u minghajr ma tghid li Decelis m'ghandux jitwemmen, il-Qorti ser tiehu b'certu kawtela dak li huwa qal. Dak li qed jinghad fir-rigward ta' Decelis qed jinghad tenut kont tal-mod kif huwa xehed meta ha l-pedana tax-xhieda (u dana jirrizulta mit-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu) u tal-mod kif huwa rrisponda ghad-domandi li gew maghmula lilu.

Illi l-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrijiet (Dok. "KB 2" – *a fol.* 63; Dok. "KB 4" – *a fol.* 65; u Dok. KB 6 – *a fol.* 69) rilaxxati mill-imputati

lill-Pulizija u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet l-imputati ma nghatawx zmien jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel kellmu lill-Pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' fis-sena 2005, ma kienitx taghti d-dritt lill-imputati jaghmlu dan. Dan jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi". Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa*

*tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor.

> [...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]
>
> Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

> *"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene"*.

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

> *"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun*

*hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-*Corte di Cassazione Penale* gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qablu.

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-atti kollha processwali, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Kif diga nghad aktar il-fuq, il-Qorti ma tiddubitax mill-verzjoni moghtija minn Damian Borg u missieru Anthony Borg u dana qed jinghad b'mod specjali fir-rigward tal-ftehim verbali li sar mal-imputat Baldacchino fejn l-imsemmi Baldacchino kellu jhallas l-ammont ta' Lm35,000. Minn Dok. "DB 1" (*a fol.* 217) ezebiet minn Damian Borg jirrizulta li mis-somma ta' Lm35,000, l-imputat Baldacchino hallas biss is-somma ta' Lm1000.

- Il-*logbook* originali tal-vettura in kwistjoni (Dok. "DB" – *a fol.* 88) qatt ma gie mitluf tant li dan kien ghadu fil-pussess ta' Damian Borg. Damian Borg isostni li huwa qatt ma ffirma fuq il-*logbook* tal-vettura. Il-vettura baqghet fuq isem Damian Borg bil-ftehim li malli jithallas dak li kien ghad fadal jithallas mill-imputat Baldacchino jkun jista' jsir it-trasferiment tal-vettura ghal fuq isem Joseph Baldacchino.

- Fuq il-*logbook* gdid, cioé Dok. "KB 1" (*a fol.* 183), insibu, fost l-ohrajn, is-segwenti firem: dik tal-bejjiegh, dik tax-xerrej u dik tax-xhud tal-firem. Il-vettura in kwistjoni daret fuq isem l-imputata Kirpalani permezz ta' dan id-dokument li fuqu hemm il-firma li suppost hi ta' Damian Borg, u kif ukoll il-firem tal-imputati Kirpalani u Baldacchino.

- Kien l-obbligu tal-imputat Baldacchino bhala firmatarju ta' xhud tal-firem fuq Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) li jivverifika li l-firem ta' dawk indikati bhala "Bejjiegh/a" u "Xerrej/ja" fuq l-imsemmi dokument kienu effettivament tal-persuni li effettivament iffirmaw bhala tali.

- Fir-rigward tal-imputata Kirpalani, il-Qorti tinnota li hadd mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jaghmel riferenza ghaliha. Filwaqt li ma hemmx dubju mill-firma taghha bhala "Xerrej/ja" fuq Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) ma jirrizultax meta hija iffirmat dan id-dokument. Felix Decelis jghid li l-imputat

Micallef hadlu t-trasferiment ffirmat lest u li hu ra l-firem u li hadd ma ffirma quddiemu.

- Fir-rigward tal-imputat Micallef, il-Qorti tinnota li Felix Decelis jixhed li minkejja li hu kien qal lill-imputat Micallef biex jehodlu affidavit iffirmat, huwa hareg *logbook* iehor tal-vettura in kwistjoni u l-ghada Micallef kien mar jaghmel it-trasferiment tal-vettura u li hu (Decelis) ra li l-firem fuq dan id-dokument (cioé Dok. "KB 1" – *a fol.* 183) kienu kollha f'posthom u li hadd ma ffirma quddiemu u b'hekk ghamel it-trasferiment.

Illi l-Qorti diga rrimarkat aktar il-fuq li l-verzjoni moghtija minn Decelis f'dawn il-proceduri mhijiex wahda li l-Qorti tista' taghtiha l-piz rikjest u dana *stante* li mhijiex kompletament konvinta minn dak li huwa rrakkonta. Minkejja dan, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, l-imputati Kirpalani u Micallef ma jinkwadrawx fir-rigward ta' dak li qed jigu akkuzati bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni. Dan ma japplikax fir-rigward tal-imputat Baldacchino.

Illi l-Qorti diga rriteniet li temmen il-verzjoni ta' Damian Borg u missieru Anthony Borg u filwaqt li ghamlet riferenza ghall-fatt li l-imputat Baldacchino kellu l-obbligu jassigura li l-firem fuq Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) kienu effettivament tan-nies li suppost iffirmaw fuqu, dan certament ma sarx *stante* li l-firma li suppost hija ta' Damian Borg fuq dan id-dokument mhijiex tieghu!

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-atti processwali kollha u kif ukoll ta' dak li nghad hawn fuq, inkluz tal-elementi li jikkostitwixxu l-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat Baldacchino fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni. In segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhux ser issib htija fir-rigward tal-imputati Kirpalani u Micallef u b'hekk l-imsemmija imputati ser jigu liberati mill-ewwel (1) imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi filwaqt li taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li ffalsifikaw dokument, taht it-tielet (3) imputazzjoni qed jigu akkuzati li huma xjentement ghamlu uzu minn tali dokument.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gie konkluz mill-espert Gaffiero fir-rapport tieghu (Dok. "JG" – *a fol.* 178 *et seq.*) u li sar riferenza ghalih aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax min iffalsifika l-firma ta' Damian Borg fuq il-*logbook* immarkat bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 183). Minkejja li l-Qorti tista' toqghod tispekula min iffirma minflok Damian Borg fuq id-dokument imsemmi, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Li hu zgur hu li ma jirrizultax min iffalsifika l-firma ta' Damian Borg fuq dan id-dokument u b'hekk m'hemmx dubju li l-imputati m'humiex ser jinstabu hatja tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, ma jirrizultax li l-imputat Micallef kien xjentement jaf li qed uzu minn dokument iffalsifikat. Qed jinghad "xjentement" *stante* li l-ligi tirrikjedi li l-persuna trid tkun xjentement taf li dak id-dokument huwa falsifikat u *stante* li jista' jaghti l-kaz li d-dokument imsemmi gie mghoddi lill-imputat Micallef lest iffirmat, ma jistghax jinghad li huwa "xjentement" kien jaf li tali dokument kien falsifikat. Fir-rigward tal-imputata Kirpalani u Baldacchino dawn jidhru bhala firmatarji fuq id-dokument in kwistjoni u b'hekk ma jistghax jinghad li huma ghamlu uzu minnu kif jirrikjedi Artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, bhal fil-kaz tat-tieni (2) imputazzjoni, mhux ser tinsab htija fl-imputati kollha taht it-tielet (3) imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta'

> bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]".

Illi kif nghad fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati, ma jirrizultax min iffalsifika l-firma ta' Damian Borg fuq il-*logbook* immarkat bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 183). A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li diga nghad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li din temergi minn Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jghid is-segwenti: *"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel [...]"*. Dan l-Artikolu jirrigwarda "Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz".

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, liema konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni.

Ghalhekk isegwi li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht is-sitt (6) imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati bir-reat li jemergi minn Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jirrigwarda dikjarazzjoni falza jew taghrif falz.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghal decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo** fejn il-Qorti msemmija, filwaqt li ghamlet riferenza ghal decizjoni ohra, spjegat id-differenza bejn Artikolu 188 u Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja li l-imputati fil-kawza odjerna mhumiex akkuzati taht Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pero l-insenjament

tal-Qorti msemmija fir-rigward ta' Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed li ghandu jigu kunsidrat. *Di fatti*, fis-sentenza msemmija nghad hekk:

> "Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*
>
> *Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc.""*.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputati Kirpalani u Micallef ghamlu xi dikjarazzjoni falza kif rikjest f'Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk m'hemmx dubju li m'ghandhiex tinstab htija taghhom taht is-sitt (6) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-imputat Baldacchino, il-Qorti tinnota li diga saret riferenza ghall-obbligu li l-imputat Baldacchino kellu meta ffirma fuq Dok. "KB 1" (*a fol.* 183), liema obbligu diga sar riferenza ghalih taht l-ewwel (1) imputazzjoni, u, tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-vantagg rikjest minn Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie pruvat u dana *stante* li jirrizulta li l-vettura in kwistjoni baqghet ma gietx imhallsa kollha u tenut kont tal-fatt li l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat Baldacchino "xjentement" (kif rikjest minn Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) kien jaf li l-firma li suppost hija ta' Damian Borg fuq Dok. "KB 1" (*a fol.* 183) ma kienitx effettivament tal-imsemmi Damian Borg, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat Baldacchino fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati Kirpalani u Micallef ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk iz-zewg imputati msemmija ser jigu liberati mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghhom, huma biss l-ewwel (1) u s-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat Baldacchino li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat Baldacchino ser jinstab hati biss tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward ta' piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat Baldacchino fir-rigward tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat Baldacchino (*a fol.* 3), in-natura tal-imputazzjonijiet li gew pruvati u li taghhom l-imputat Baldacchino ser jinstab hati taghhom, u t-tul ta' zmien li hadet il-

kawza odjerna (li, bhal ma jafu l-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u l-imputati, il-Qorti kif preseduta assolutament ma kellhiex kontroll fuqu). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputat Baldacchino ghall-piena ta' prigunerija effettiva pero ghandha tikkundannah ghal piena ta' prigunerija sospiza.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandhom jigu applikati l-provvedimenti ta' Artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. *Stante* li r-rapport tal-espert Zammit fir-rigward tal-vettura in kwistjoni jirrisali ghas-sena 2006 u l-Qorti mhijiex konxja tal-istat li tinsab fih il-vettura in kwistjoni llum il-gurnata, il-Qorti tifhem li jkun ghaqli li l-imputat Baldacchino jigi kkundannat ihallas lil *parte civile* Borg somma li jirraprezenta l-valur tal-vettura *de quo*. Bhala somma li ghandha tigi mhallsa mill-imputat Baldacchino lil Borg, il-Qorti, filwaqt li tinnota li fir-rapport tieghu (Dok. "JZ" – *a fol.* 170 *et seq.*) Zammit jirrelata li f'kaz li l-vettura kellha tingieb f'kundizzjoni bhala ta' *showroom condition* iggib il-valur ta' Lm22,000, il-Qorti tinnota wkoll li r-rapport ta' Zammit gie prezentat f'Dicembru tas-sena 2006 u cioé aktar minn sentejn u nofs wara d-data ndikata fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjonijiet dak li jirrizulta fl-atti processwali fir-rigward tal-valur tal-vettura *de quo*, u wara li l-Qorti kkunsidrat li l-imputat Baldacchino diga hallas is-somma ta' Lm1,000, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* favur il-*parte civile* Borg fl-ammont ta' sebghin elf Euro (€70,000) u b'hekk il-Qorti ser taghzel li timponi fuq l-imputat Baldacchino piena li tikkomprendi ordni ta' hlas. Il-Qorti tifhem li jkun ghaqli li l-imputat Baldacchino jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista' fi zmien qasir ihallas is-somma ndikata u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li

ma ssibx lill-imputati Farah Kirpalani u Philip Micallef hatja tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom,

ma ssibx lill-imputat Joseph Baldacchino hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' Settembru 2008 u senjatament Artikoli 188, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Joseph Baldacchino hati tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlitt (3) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat Joseph Baldacchino biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lil Damian Borg is-somma ta' sebghin elf Euro (€70,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' €70,000 fiz-zmien lilu moghti.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Baldacchino jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' hames mija u disghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€590.63).[2]

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[2] Joe Zammit (Dok. "JZ" – *a fol.* 174 *tergo*) (Lm119.42 – €278.17); Joseph Gaffiero (Dok. "JG" – *a fol.* 182 *tergo*) (Lm48.00 – €111.81); Martin Bajada (Dok. MB 1 – *a fol.* 256 *tergo*) (€200.65).